MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru. 1012/2008

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Josef Demicoli, iben Domenic, imwieled Pieta' fit-3 ta' Jannar, 1991

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-perjodu ta' bejn il-25 ta' Diċembru, 2007 u il-ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fil-11 ta' Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta tas-6.30 p.m., ikkometta serq ta' 'handbag' kontenenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti, li l-valur globali tagħhom ma jeċċedix is-somma ta' €233, liema serq hu

kkwalifikat bil-ħin u li seħħ għad-dannu ta’ Maria Anna Sacco;

2. talli fit-12 ta’ Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta tas-7.00 p.m., ikkometta serq ta’ ‘handbag’ kontenenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti u apparat ċellulari tal-marka Sagem, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ €233 iżda anqas minn €2,330, bil-ħin u li seħħ għad-dannu ta’ Maryrose Fleri;

3. talli fis-17 ta’ Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta ta’ l-4.15 p.m., ikkometta serq ta’ ‘handbag’ kontenenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti u apparat ċellulari tal-marka Nokia, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ €233 iżda anqas minn €2,330 li seħħ għad-dannu ta’ Mary Rose Gingell;

4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi immedjatament hawn fuq imsemmija kkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Mary Rose Gingell;

5. talli fid-19 ta’ Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta tas-1.00 p.m., ikkometta serq ta’ ‘handbag’ kkontenenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti u apparat ċellulari tal-marka Nokia, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza u bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ €233 iżda anqas minn €2,330 li seħħ għad-dannu ta’ Maria Azzopardi anzjana ta’ aktar minn ħamsa u sittin sena;

6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi immedjatament hawn fuq imsemmija kkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Maria Azzopardi;

7. talli fl-20 ta’ Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta tal-5.30 p.m., ikkometta serq ta’ ‘handbag’ kontententi diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ €233 iżda anqas minn €2,330 u bil-ħin li seħħ għad-dannu ta’ Ermelinda Fenech;

8. talli fil-25 ta’ Diċembru, 2007, fil-Ħamrun, għal habta ta’ nofs in-nhar, ikkometta serq ta’ ‘handbag’ kontenti diversi oġġetti fosthom flus kontanti u apparat ċellulari tal-marka Nokia 3310, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ €233 iżda anqas minn €2,330 li seħħ għad-dannu ta’ Maria Rizzo anzjana ta’ aktar minn ħamsa u sittin sena.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2008 fejn ġie ordnat li jsir ‘pre-sentencing report’.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2009 fejn ġie eżebit u maħluf il-‘pre-sentencing report’.

Rat l-istess rapport eżebit fis-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2009.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b), 267, 270, 274(ċ), 276A u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, l-eta’ ta’ l-imputat u il-fedina penali netta tiegħu, kif ukoll ir-rapport hawn fuq imsemmi. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta billi tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Probation għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u speċifikatament l-artikolu 11(3) ta’ l-istess Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna li-ħruġ ta’ Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ għal perjodu ta’ tmenin (80) siegħa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------